# IL-KATAKOMBI TA' ĦAL RESQUN

Ħal Resqun huwa l-isem ta' dik ir-roqgħa art bejn Ħal Luqa u l-Gudja ftit 'il bogħod mill-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ.

F'dak il-post fl-1887 instab katakombi żgħir li kien mimli b'ġebel u trab iżda baqa' traskurat sa' l-1912 meta l-professur Temi Zammit ħa ħsieb li dan il-katakombi jiġi mnaddaf u skavat ġewwa.

Iċ-ċokon ta' dan il-katakombi jagħtina x'nifhmu li seta' kien privat jiġifieri kien jappartjeni lil xi familja li kienet tużah minn żmien għal żmien għad-dfin tal-membri ta' l-istess familja.

Mill-istudji li saru dwar dan il-katakombi jirriżulta li kien ta' l-epoka paleo-kristjana u peress li hemm xi skultura u dekorazzjoni madwar id-daħla ta' l-oqbra jagħti ċerta mportanza lil dan il-post.



after C.G. Zammit 1934

Peress li meta nstab dan il-katakombi kien ġie disturbat diġà, il-Professur T. Zammit ma sab xejn ġo fih għajr ftit ħġieġ miksur u xi fuħħar ta' l-aħħar żmien ta' l-epoka Rumana.

Meta ntemmu l-iskavi saru l-pjanti u rapport dwar il-post li ġew pubblikati fir-rapport annwali tal-Mużew u l-katakombi ġie ssiġillat biex jiġi kkonservat.

Fl-1934 Temi Zammit ġie nfurmat li l-post ġie disturbat u ntela bit-terrapien u għalhekk reġa' ġie mbattal mill-ġdid u reġgħu saru pjanti u rapport kumplut dwaru. Biex issir aktar sigurtà tal-post, inbniet kamra żgħira fuq id-daħla tiegħu b'rixtellu tal-ħadid biex b'hekk ma ssirx aktar ħsara fih.

Fl-1975 meta kienu qegħdin ikabbru r-runway u jwessgħu it-triq ta' mal-ġenb, waqqgħu l-kamra ta' fuq it-taraġ ta' dan il-katakombi u difnu t-taraġ tiegħu taħt l-art.

Filwaqt li qiegħed iseħħ dan l-awtoritajiet tal-Mużew ma ġewx konsultati dwar dan kollu. Meta d-Direttur, is-Sur F.S. Mallia sar jaf bil-każ, mill-ewwel ħaseb biex jerġa' jiġi allokat il-post u wara li ġie mnaddaf mill-ġdid il-katakombi, id-daħla tiegħu ġiet mgħottija bi ċnagar kbar mal-ġenb tar-roundabout bl-isperanza li ġurnata terga' tiġi mibnija il-kamra ta' fuq it-taraġ biex kull min ikun irid jista' jinżel bla tfixkil.

**Deskrizzjoni tal-Katakombi**

Dan il-katakombi wieħed jista' jinżel għalih minn tmien tarġiet fondi u dojoq imħaffrin fil-blat. Kif tinżel hemm wisgħa fin-naħa t'isfel. Għandu żewġ oqbra wieħed fuq kull naħa għamla ta' Arcosolum jiġifieri arkata tistrieħ fuq speċi ta' kolonna imnaqqxa bi skultura bil-bażi kwadra u kapitell skolpit taħt l-arkata li fin-nofs tagħha hemm tieqa minn fejn jista' jiġi milħuq il-qabar li wara d-dfin kienet tiġi siġillata u b'hekk tibqa' tidher biss l-arkata u l-ħoġor tagħha.

Fuq in-naħa tal-lemin kif tinżel hemm qtugħ nofs tond fejn teżisti l-mejda ta' l-Agapae merfugħa ftit mill-art li fuq kull tarf tagħha hemm speċi ta' tarġa li x'aktrx li kienet isservi bħala post fejn wieħed kien jista' joqgħod bil-qiegħda waqt l-ikel.

Dawn l-imwejjed ta' l-Agapae kienu dejjem jeżistu fil-katakombi Kristjani u kienu jiġu wżati mill-qraba tal-mejjet waqt ir-rit funebri qabel id-dfin fil-qabar.

Il-qabar ta' fuq il-lemin kif tinżel li jinsab mal-ġenb ta' l-Agapae jintlaħaq minn ġo tieqa u huwa kbir biżżejjed biex jistgħu jiġu midfuna fih tnejn min-nies. Dan jixhdu l-fatt li ġo fih hemm żewġ postijiet maqtugħin nofs tond fejn kienet tistrieħ ras il-mejjet li ndifen hemm ġew. Bejn iż-żewġ irjus hemm ukoll toqba mħaffra fejn kien jitpoġġa xi reċipjent tal-ħġieġ jew tal-fuħħar.

Il-qabar l-ieħor li jinsab man-naħa l-oħra quddiem it-taraġ huwa bħal ta' qablu. Il-qabar jintlaħaq mit-tieqa ċentrali u kien jistgħu jiġu midfuna tnejn min-nies ukoll. Għandu żewġ kolonni waħda fuq kull naħa tat-tieqa iddekorati bl-istess skultura bħal l-oħrajn jiġifieri kolonni skannellati forma ta' malja li ddur magħhom bil-kapitell skolpit u bażi kwadra.

Fuq il-parti ta' fuq dan il-qabar fl-ispazju li nsibu bejn l-arkata tiegħu u s-saqaf hemm speċi ta' lunett b'xi figuri mnaqqxin fuqu u juru figuri umani tajr u ħut li meta studjahom il-Prof. T. Zammit ta tifsira ta' xena biblika li turi l-Missier Etern waqt il-krejazzjoni. Il-pellikan jitma' lill-frieħ tiegħu li jissimbolizza l-Ewkaristija. Din ix-xena għandha madwarha bordura skolpita.

Il-fatt li f'dan il-Katakombi jinsabu fdalijiet imżejnin bi skultura mal-faċċata ta' l-oqbra, speċjalment ix-xena tal-Kreazzjoni li diġà semmejna, f'kundizzjoni tajba jagħti importanza speċjali lil dan il-post li għalkemm żgħir fid-daqs, hu ta' valur storiku kbir. Għaldaqstant inħeġġeġ lill-awtoritajiet sabiex jagħmlu kull ma jistgħu biex dan il-katakombi jerġa' jiġi miftuħ għall-pubbliku u tiġi mibnija l-kamra fuq l-intrata tiegħu mill-aktar fis.

*LINO WETTINGER*

# L-ONESTÀ TRID TKUN FI KLIEMEK, F'GHEMILEK U F'ILBIESEK